

32004D0866

18.12.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 371/47

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Diċembru 2004

**li tawtorizza lir-Repubblika ta' l-Awstrijja tapplika miżura derogatorja mill-Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva (77/388/KEE) dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ**

(2004/866/KE)

## IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra s-Sitt Direttiva tal-Kunsill (77/388/KEE) tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' taxxi fuq il-valur tal-bejgħ — sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) B'ittra reġistrata għand is-Segretarjat-Ġenerali tal-Kummissjoni fit-12 ta' Diċembru 2003, l-awtoritajiet Awstriaci talbu l-awtorizzazzjoni biex jaapplikaw miżura speċjali derogatorja mill-Artikolu 17 tad-Direttiva 77/388/KEE.
- (2) L-Istati Membri l-oħra ġew informati b'din it-talba fis-26 ta' Marzu 2004.
- (3) Il-miżura derogatorja hija intiża biex teskludi kompletament it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li hija mēħuda fuq l-ispipa għal oġġetti u servizzi mid-dritt ta' tnaqqis meta aktar minn 90 % ta' l-oġġetti u servizzi huma użati għal skopijiet privati tal-persuna taxxabbi, jew ta' l-impiegati tagħha, jew, b'mod aktar ġenerali, għal skopijiet li mhumiex ta' negozju. Din il-miżura derogatorja tirrappreżenta deroga mill-Artikolu 17 u hija ġustifikata bil-ħtieġa li jiġi ssimplifikat l-impożizzjoni tal-VAT.
- (4) It-terminu ta' l-awtorizzazzjoni għandu jkun limitat sal-31 ta' Diċembru 2009. Dan il-perijodu massimu ser jippermetti li ssir evalwazzjoni ta' kemm jagħmel sens li

tinżamm il-miżura derogatorja fid-dawl ta' l-esperjenza ta' l-Awstrija matul dan il-perijodu.

- (5) Il-miżura derogatorja mhi ser ikollha l-ebda impatt negatit fuq ir-riżorzi propriji tal-Komunità mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

## Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 77/388/KEE, ir-Repubblika ta' l-Awstrija hija b'dan awtorizzata li teskludi l-ispipa fuq oġġetti u servizzi mid-dritt ta' tnaqqis meta aktar minn 90 % ta' l-oġġetti u servizzi huma użati għal skopijiet privati tal-persuna taxxabbi, jew ta' l-impiegati tagħha, jew, b'mod aktar ġenerali, għal skopijiet li mhumiex ta' negozju. Din il-miżura derogatorja tirrappreżenta deroga mill-Artikolu 17 u hija ġustifikata bil-ħtieġa li jiġi ssimplifikat l-impożizzjoni tal-VAT.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2009.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' l-Awstrija.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. R. BOT

(1) ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/66/KE (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35).